MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 648/2014

**SS LIFTS LIMITED C12793**

**vs**

**ALPHA INVESTMENTS LIMITED C44302**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob minghand is-Socjeta' Konvenuta l-*quantum* ta' elfejn, disa mija, sebgha u hamsin Ewro (€2,957.00c) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha lis-Socjeta' Konvenuta u debitament installata.

B'RISPOSTA s-Socjeta' Konvenuta qalet l-ammont pretiz mhux dovut.

**Ra** li ghas-Socjeta' Attrici xehed Ray Sant, direttur li qal li dahlu f'kuntratt (Dok RS datat 16/03/2012) tal-Kumpanija Konvenuta biex jinstallaw *lift* go Horizon Apts, Triq iz-Zafran, M'Scala. Sar ix-xoghol u hargu c-certifikati Dok RS1 u 2. Saru zewg pagamenti u baqa x'jithallas il-bilance mitlub li ghadu dovut. Ix-xhud zied li beda jigri wara l-Inginier Steve Zahra li mieghu kien jikellem. Eventwalment qallu jkellem lil Marco Ciliberti u meta kellmu b'email qallu jistenna ftit iehor – Dok RS3.

**Ra** li f'dan l-email hemm "I acknowledge receipt but company needs some more time for payment". Hawn it-TRIBUNAL jara ammissjoni bla ebda kwalifika ta' xejn u jinnota li moghtija zmien, is-Socjeta' Konvenuta ma ressqet ebda prova ta' xejn.

DECIZJONI

Dan kollu meqjus it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjoni tas-Socjeta' Konvenuta u (2) **jilqa** t-Talba Attrici u jikkundanna lis-Socjeta' Konvenuta biex thallas lis-Socjeta' Attrici l-*quantum* ta' elfejn, disa mija, sebgha u hamsin Ewro (€2,957.00c) bil-imghax mill-20 ta' Dicembru 2013 (data tal-ammissjoni msemmija) sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **tikkundanna** lis-Socjeta' Konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra mitluba fl-AVVIZ.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------